TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 291/12-F

**Elaine Grech**
**vs**
**Alan M. Gatt – Tube Hair Clinic**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-15 ta' Novembru, 2012 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u għoxrin ewro (€220), u spejjeż ta' tmienja w erbgħin ewro oħra (€48), rappreżentanti trattament ħażin li ngħatat ta' xagħarha.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet marret għat-trattamenti kollha kif ukoll xtrat ix-*shampoos* kollha li kien hemm bżonn imma dan it-trattament xorta ma ħadimx.

L-intimat issottometta li t-trattament ma jaħdimx fuq kullħadd u ma jkunx l-istess trattament.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat kien irreklama trattament tax-xagħar u għalhekk daħlet għaliha r-rikorrenti, pero' ma kelliex l-effett mixtieq. Mhux ġust li wieħed jgħid illi dan it-trattament ma japplikax għal kullħadd u japplika għal nies differenti.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti *in parte*, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888